**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 20 ta' Marzu 2023**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 208/2023 GM**

**L-Avukat Dr Lorna Mifsud Cachia (lD 507477M) bħala mandatarju speċjali ta' Colette Lambiotte, detentriċi tan-numru tar-reġistru nazzjonali Belġjan 58.03.09-004.92**

**vs**

**(i) Mariposa Limited (C67585);**

**(ii) Papillon ("Societe' simple" Belġjana bin-numru ta' reġistrazzjoni 0718.815.l340;**

**(iii) Francois Pierre George Lambiotte, detentur tan-numru tar-reġistru nazzjonali Belġjan 540307-001-71 fil-kapaċita' tiegħu ta' soċju ta' Papillon;**

**(iv) Anne Lambiotte, detentrici tan-numru tar-reġistru Belġjan 610410-010-29 kemm fil-kapaċita' tagħha ta' soċju f'Papillon kif ukoll bhala Direttur ta' Mariposa Limited; u**

**(v) Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

**Fatti**

Ir-rikorrenti għandha nazzjonalita` Belġjana.

Missierha taha b'titlu ta' donazzjoni 3,400 sehem f'Mariposa Limited (intimata) irreġistrata f'Malta kif ukoll kreditu ta' €1,882,480.26 kontra l-istess soċjeta`. Hi tatu prokura. L-ishma l-oħrajn huma ta' ħutha Francois u Anne (intimati).

Il-missier investa l-ishma ta' Mariposa f'soċjeta` Belġjana b'responsabbilita` illimitata tas-soċi jisimha Papillon li b'hekk saret unika azzjonista ta' Mariposa. Il-missier miet.

Ir-rikorrenti fetħet kawża fil-Belġju numru 20/353/A kontra l-intimati Papillon u ħutha li permezz tagħha talbet:

- dikjarazzjoni li missierha eċċeda s-setgħat li tagħtu bil-prokura meta ttrasferixxa l-ishma tagħha f'Papillon
- dikjarazzjoni li Papillon ġiet kostitwita abbażi ta' kawża illeċita u għalhekk nulla
- alternattivament dikjarazzjoni tan-nullita` tat-trasferiment tal-ishma
- dikjarazzjoni li r-rikorrenti għandha 3,400 sehem f'Mariposa
- dikjarazzjoni li l-laqgħa ġenerali tal-2021 ta' Papillon hi nulla
- dikjarazzjoni li d-deċiżjonijiet tad-diriġenti ta' Papillon dwar Mariposa, inklużi l-accounts għas-snin finanzjarji partikolarment 2016 sa 2020, huma nulli.

Wara li nfetħet il-kawża msemmija, l-istess intimati għaddew riżoluzzjoni biex Mariposa tkompli l-operat tagħha fil-Lussemburgu.

Ir-rikorrenti fetħet kawża oħra fil-Belġju numru 20/6511/A kontra l-istess intimata li permezz tagħha talbet:

- dikjarazzjoni ta' nullita` tal-laqgħa ġenerali ta' Papillon tat-2020 safejn tirreferi għall-kwalita` ta' soċja tar-rikorrenti
- nullita` tal-laqgħa ġenerali tas-sena 2021 ta' Papillon
- dikjarazzjoni li d-deċiżjonijiet tad-diriġenti ta' Papillon dwar Mariposa, partikolarment mal-approvazzjoni tal-kontabilita` għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020 huma nulli.

## Talbiet

Ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm:

- lill-intimati msemmija milli japprovaw financial statements ta' Mariposa
- lill-intimat Reġistratur milli jirreġistrahom
- li Mariposa titkompla barra minn Malta
- lill-intimat Reġistratur milli japprova din it-tkomplija.

## Żewġ prerekwiżiti ta' mandat t'inibizzjoni

Biex tirnexxi fit-talbiet tagħha, ir-rikorrenti trid tissodisfa lill-Qorti li għandha jedd *prima facie* li jkun fil-periklu li jisfa' fix-xejn sakemm takkwista favuriha deċiżjoni fil-mertu.

Mill-premess, m'hemmx dubju li mal-ewwel daqqa t'għajn, ir-rikorrenti għandha pretenzjonijiet leġittimi xi tħares, li jikkonsistu fit-tħassir tal-atti magħmulin minn missierha eċċedenti l-mandat tiegħu u konsegwentement it-tħassir tas-soċjeta` Papillon jew almenu t-tħassir tat-trasferiment tal-ishma tagħha f'Mariposa lil Papillon; kif ukoll it-twaqqif tal-approvazzjoni ta' *financial statements* li jistgħu jippreġudikaw il-kreditu tagħha kontra Mariposa billi jistgħu ma jkunux tajbin minħabba nuqqas ta' esibizzjoni ta' kontijiet.

Ma jfissirx li dawn il-pretenzjonijiet huma bilfors fondati fil-fatt u fid-dritt. Dan iżda mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti f'din il-proċedura sommarja, imma tal-Qorti Belġjana li qiegħdha titratta l-kontroversja fil-mertu permezz taż-żewġ kawżi li fetħet ir-rikorrenti. Dak li trid tiddeċiedi din il-Qorti huwa biss jekk hemmx bażi sodisfaċenti biex dawn il-pretenzjonijiet possibilment jintlaqgħu; fi kliem ieħor jekk hemmx *fumus boni iuris.* Dan sabiex, fl-eventwalita` illi l-

pretenzjonijiet tar-rikorrrenti jirriżultaw li huma fondati fil-fatt u fid-dritt, ir-rimedji li r-rikorrenti qiegħdha titlob f'dawk il-kawżi ma jtirux mar-riħ fil-mori tas-smigħ tal-kawża. Dak li din il-Qorti għandha tħares huwa l-*periculum in mora.*

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**

Ir-rikorrenti ssostni li t-trasferiment ta' Mariposa minn Malta għal-Lussemburgu huwa intenzjonat biex jeludi d-drittijiet minoritarji li r-rikorrenti għandha taħt il-liġi ta' Malta; filwaqt li l-approvazzjoni tal-*financial statements* jippreġudika d-drittijiet ta' kreditu tagħha.

L-intimati msemmija jsostnu li l-liġi tipprovdi għaż-żamma ta' trasferiment ta' kumpannija minn ġurisdizzjoni għall-oħra fl-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura mfassla fir-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.27 (Avviż Legali 27 tal-2023 li għadu kif inħareġ). Għalhekk ir-rikorrenti għandha rimedju disponibbli alternattiv u ma tistax tirrikorri għall-istrument estrem tal-mandat t'inibizzjoni. Fi kwalunkwe każ id-drittijiet minoritarji huma wkoll imħarsa tajjeb fil-Lussemburgu.

L-istess intimati jsostnu li l-*financial statements* huma tajbin u li r-rikorrenti pparteċipat fil-laqgħat fejn ġew ippreżentati. Anke hawn, l-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi rimedji appożiti fir-rigward.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fil-fehma tal-Qorti, id-difiża tal-intimati mhix tajba.

Ir-rikorrenti ma tistax tuża' l-għodda proċedurali li tagħti L.S. 386.27 billi l-ishma tagħha ġew trasferiti lil Papillon. Ikun biss jekk tirbaħ il-kawżi fil-Belġju u jkun hemm pronunzjament ġudizzjarju li hija għadha sid tal-ishma ta' Mariposa li tkun tista' tagħmel dan. Għalhekk il-mandat t'inibizzjoni huwa meħtieġ biex iħares dan id-dritt pretiz minnha. Huwa rrilevanti jekk fil-Lussemburgu d-drittijiet minoritarji humiex imħarsa bħal hawn Malta għaliex jekk isir it-trasferiment f'dan l-istadju u r-rikorrenti tirbaħ il-kawża jew kawżi fil-Belġju,

tkun tilfet appuntu d-dritt li topponi għat-trasferiment għar-raġunijiet li tkun tista' tqanqal taħt L.S. 386.27.

Permezz tal-litigazzjoni fil-Belġju, ir-rikorrenti qiegħdha, tajjeb jew ħażin, tattakka l-validita` tal-*financial statements* u għalhekk żgur li huwa ta' siwi biex jitħarsu d-drittijiet tagħha li dawn ma jiġux irreġistrati sakemm ikun hemm deċiżjoni fil-mertu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-mandat qiegħed jiġi milqugħ.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA